19 ta' Novembru, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Carmelo Spiteri *versus* Joseph Gasan ne. et.

**Appell — Ġuratorja Kawzjoni — Ċitazzjoni — Nullità.**

*Iċ-ċitazzjoni fl-appell biex l-appellat jiġi ammess għall-kawzjoni ġuratorja għandha tiġi preżentata qabel il-publikazzjoni tal-lista tal-kawżi. Jekk tiġi preżentata wara dik il-publikazzjoni, dik iċ-ċitazzjoni hija irrita u nulla.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni nru. 2 ta' l-1951, fejn l-attur, billi ppreżenta petizzjoni quddiem din il-Qorti bħala appellant mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fis-16 ta' Ġunju 1951, fil-kawża fl-ismijiet fuq riferiti; u billi hu għandu kawża probabili li jillitiga; u billi ma rnexxilux isib garanti idoneu għall-ispejjeż ta' l-appell, għaliex il-garanti minnu prodott ġie rifjutat; talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, hu jkun ammess minn din il-Qorti għall-ġuratorja kawzjoni skond il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati, li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi, iċ-ċitazzjoni għalbiex l-appellant jista' jiġi ammess għall-ġuratorja kawzjoni għandha tiġi preżentata qabel il-publikazzjoni tal-lista tal-kawżi;

Illi mix-xhieda ta' l-iskrivan Philip Sammut, mogħtija fis-seduta tat-12 ta' Novembru 1951, jirriżulta li l-lista ġiet publikata nhar il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 1951, mentri ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet preżentata fis-26 ta' l-istess xahar, vwoldieri wara t-terminu stabbilit mil-liġi;

Għaldaqstant ;

Tiddikjara ċ-ċitazzjoni irrita u nulla ; bl-ispejjeż kontra l-attur.